# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1146/98**

**Numru 27**

**Maltacom PLC**

**vs**

**Raymond Gatt u b'digriet tad-9 ta' Novembru 1998 giet kjamata in kawza Cettina Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta' attrici (li b'att tal-Parlament qieghda tissostitwixxi dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Korporazzjoni Telemalta) is-somma ta' tlett mija u wiehed u tletin lira maltin u sebghin centezmi (Lm331.70), liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni man-numru tat-telephone 376901 (skond kif jirrizulta mid-dokument A anness mal-avviz), liema servizz gie installat mill-Korporazzjoni Telemalta fil-fond

554, Triq Gabriel Henin, Pembroke, skond ma kif jidher mill-kopja tas-"service agreement" anness mal-avviz dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali datata 3 ta' April 1998, tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi nkonnessjoni mad-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 6 tal-atti):

1. Illi preliminarjament il-kawza ghandha tigi diretta wkoll kontra Cettina Micallef mart l-esponent illum legalment separata minnu stante li dan huwa dejn maghmul esklussivament minnha;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u fil-meritu l-pretensjonijet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li t-telefonati in kwistjoni ma sarux mill-esponenti izda minn martu Cettina Micallef illum legalment separata minnu li wkoll kienet tmexxi in-negozju taghha "Cettina Beauty Parlour" mid-dar taghhom u t-telefonati kienu jsiru in ezercizzju tan-negozju taghha;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-imsemmija Cettina Micallef ghandha tigi kjamata fil-kawza.

4. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru 1998 (fol 10 ibid) li bih giet kjamata in kawza mart l-istess konvenut, Cettina Micallef minnu separata.

Rat li l-istess kjamata in kawza giet notifikata bl-avviz fl-10 ta' Marzu 1999 (ara fol 13 et seq ibid) u ma ikkontestatx it-talbiet attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza inklus il-<u>kapitolu</u> ghas-subizzjoni tal-istess kjamata in kawza (fol 24 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-provi prodotti f'dan il-kaz huma is-segwenti:

1) L-istess konvenut <u>Raymond Gatt</u> (fol 16 et seq ibid) xehed li kien ghadu jirrisjedi fil-fond in kwistjoni waqt li martu Cettina kienet telqet mill-istess post u kienet marret toqghod f'post iehor. Difatti, din il-koppja kienu isseparaw legalment, kif jidher mill-kuntratt publiku datat

l-5 ta' Frar 1996 esebit in atti bhala kopja legali, a fol 20 et seq. Ix-xhud spjega ukoll li, mal-istess residenza, kien hemm "beauty salon" gestit mill-istess martu u s-servizz telefoniku in kwistjoni kien jintuza kemm fid-dar kemm f'dan is-"salon". Ix-xhud issottolinea ukoll li skond l-istess ftehim publiku ta' separazzjoni id-dejn fuq l-istess salon jinqasam nofs lil wiehed bejn l-istess konjugi.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel nett jinghad li dan il-kuntratt ta' separazzjoni hu "res inter alios acta" vis-a-vis is-socjeta attrici.

Illi, pero', fuq talba tal-istess socjeta' attrici kienet giet kjamata in kawza, Cettina Micallef li da parti taghha baqghet kontumaci u ma dehritx quddiem il-Qorti sabiex tikkontesta skond il-ligi it-talba attrici.

Illi l-ftehim in atti a fol 7 gie ffirmat mill-konvenut sabiex l-istess servizz telefoniku jigi stallat fir-residenza imsemmija li kienet tinkludi ukoll "beauty salon" b'hekk fl-interess tal-konjugi qabel ma sseparaw legalment.

Illi, dan kollu premess, jidher li t-talba attrici ghandha tigi akkolta fil-konfront tal-konjugi.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata in kawza sabiex jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm331.70,0 bl-imghaxijiet legali mit-3 ta' April 1998 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' April 1998 u tat-taxxa tas-sisa fuq is-servizzi in konnessjoni mad-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Dep.Reg